MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1207/2009

**Josephine Gabriel, Paula Gabriel u Anthony Busuttil ghan-nom tat-tfal tieghu minorenni Gilbert u Warren, u dawn kollha fil-kwalita` taghhom bhala eredi tal-mejjet Joseph Gabriel.**

**vs**

**Jean Pierre Farrugia u Clive Ellul u b'digriet tas-17 ta' Gunju 2010 Dr. Yana Micallef Stafrace u l-PL Joanna Dingli gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezenta lill-assenti Clive Ellul u l-intervenut fil-kawza Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Gordon James Ellul u s-socjeta` Fogg Insurance Agencies Ltd ghan-nom u in rapprentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Ltd, u dan b'digriet tal-11 ta' Novembru 2010, u b'dak tad-9 ta' Marzu 2011 Atlas Insurance Agency Ltd interveniet fil-kawza.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tal-atturi datat 10 ta’ Dicembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn Josephine Gabriel (ID 742653(M)) bil-guramentat taghha esponiet:-

Illi l-esponenti kienu pprezentaw citazzjoni fejn talbu lil din il-Qorti:-

Tiddikjara illi l-incident li sehh fit-3 ta’ Marzu 2002 fil-4.45p.m. f’St. Andrews’ Road, Swieqi sehh incident awtomobilistiku bejn vettura Fiat 126 Bis bin-numru ta’ registrazzjoni IAU 317 li kienet misjuqa mill-konvenut Jean Pierre Farrugia u l-vettura Seat Ibiza bin-numru ta’ registrazzjoni DAJ 392 misjuqa mill-konvenut l-iehor Clive Ellul sehh tort tal-konvenuti jew min minnhom.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a kawza ta’ dan l-incident.

Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Illi, kif jirrizulta mill-annessa kopja ta’ sentenza, din il-Qorti fis-sentenza taghha ghal tali kawza ossia dik tas-26 ta’ Ottubru 2009 fl-ismijiet premessi (Citaz. Nru. 1083/02JA) naqset li tiddeciedi dwar it-talba ghall-imghax. Fil-fatt fis-sentenza m’hemm l-ebda referenza ghall-imghax.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha, bl-applikazzjoni tal-**artikolu 235 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**, tiddeciedi fuq it-talba tal-imghax li saret mill-atturi fil-kawza fl-ismijiet premessi deciza fis-26 ta’ Ottubru 2009 fl-ismijiet premessi (Citaz. Nru. 1083/02JA).

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 2 sa 14 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-25 ta’ Frar 2010.

Rat ir-rikors tal-atturi datat 16 ta’ Gunju 2010 a fol 30 tal-process fejn talbu lill-Qorti tawtorizzahom jinnotifikaw lill-konvenut Jean Pierre Farrugia bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni u tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Clive Ellul u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni; u l-Qorti, bid-digriet taghha moghti fis-17 ta’ Gunju 2010, laqghet it-talba u ordnat tali notifika *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12,** u laqghet ukoll it-tieni talba prevja l-hrug tal-bandi skont il-ligi u nnominat kuraturi deputati dawk l-avukati u Prokuratur Legali li jmiss it-turn taghhom.

Rat in-nota guramentata ta’ Emmanuel Ellul u martu Margaret Ellul Hawthorn datata 21 ta’ Lulju 2010 a fol. 33 tal-process fejn ppremettew li:-

(1) Illi huma l-genituri ta’ Clive Ellul li huwa konvenut fil-kawza fl-ismijiet premessi;

(2) Illi nhar l-14 ta’ Lulju 2010 fl-10.00.a.m sabu mwahhla mal-bieb fejn huma jirrisjedu, cioe’ 34, Melisa, Triq in-Nofs, Ibragg, Swieqi, l-inkartament relattiv ghall-kawza fl-ismijiet premessi, fosthom Rikors Guramentat.

(3) Illi binhom Clive Ellul ma jirrisjediex fl-indirizz 34, Melisa, Triq in-Nofs, Ibragg, Swieqi, u lanqas jirrisjedi Malta.

(4) Illi binhom ilu jirrisjedi barra minn Malta ghal madwar sitt snin tul liema zmien irresjeda l-Ingilterra.

(5) Illi fil-granet  li gejjin l-imsemmi Clive Ellul ser imur jirrisjedi l-Estonia.

(6) Illi huma ma ghandhomx prokura ta’ binhom Clive Ellul.

(7) Illi fid-decizjoni moghtija fis-26 ta’ Ottubru 2009 fl-ismijiet **Josephine Gabriel et. Vs. Jean Pierre Farrugia et (Citazz. Numru 1083/02),** din il-Qorti, kif diversament presjeduta, rreteniet is-segwenti: *“Kollox ghalhekk jindika li kien is-sewqan ta’ Farrugia fuq in-naha l-ohra tat-triq li wassal ghall incident”.* Fl-istess decizjni, il-Qorti laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Clive Ellul, cioe’ li hu ma kienx jahti ghall incident stradali in kwistjoni.

(8) In vista ta’ dak li nghad f’din in-nota, ma saritx notifika tal-konvenut Clive Ellul skond il-ligi u b’hekk in-notifika ghandha ssir kif tirrikjedi l-istess ligi.

Rat ir-risposta ta’ Jean Pierre Farrugia datata 29 ta’ Lulju 2010 a fol. 36 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi *in linea* preliminari, l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-attur Anthony Busuttil u dan kif deciz fis-sentenza fl-istess ismijiet premessi deciza fis-26 ta’ Ottubru 2009 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li llum ghaddiet in gudikat.

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda fl-interezza taghhom bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

3. Illi kuntrarjament ghal dak indikat f’paragrafu (ii) tad-dikjarazzjoni mahlufa tal-atturi, fis-sentenza fuq imsemmija hemm fil-fatt referenza ghall-imghax fil-motivazzjoni ossia l-parti razzjonali tas-sentenza fejn, b’referenza ghat-talba dwar l-imghax, gie indikat illi “*skont gurisprudenza ormai assodata l-Qorti ma tordnax hlas ta’ imghax meta tintalab li s-somma tigi likwidata”.*

4. Illi ghaldaqstant ma jirrizultax li dan huwa kaz ta’ *ab omissa decisione* li taqa’ taht l-**artikolu 235 tal-Kapitolu 12** in kwantu dak li huwa antecedent jew konsegwenza necessarju tad-dispositiv u li hu ta’ bilfors deducibbli

minnu jista’ jitqies involut fid-dispositiv u parti minnu (Vol XLII pl p287).

5. Illi fi kwalsiasi kaz, it-talba ghall-imghax ghandha tigi michuda u dan *stante* li l-ebda imghax ma jiddekorri fejn it-talba attrici fic-citazzjoni minnha mressqa kienet “*da liquidare”* minhabba l-principju “*in liquidandis non fit mora*”.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi,

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Jean Pierre Farrugia a fol. 37 tal-process.

Rat ir-risposta guramentat tal-kuraturi deputati Dr. Yana Micallef Stafrace u l-PL Joannae Dingli datata 7 ta’ Settembru 2010 a fol 40 tal-process fejn esponew: -

1. Illi sabiex ikun hemm l-integrazzjoni tal-gudizzju jrid ikun hemm f’din il-kawza odjerna l-partijiet kollha li kienu parti fic-citazzjoni nru 1083/02/JA *stante* li qed jintalab sabiex tigi deciza it-talba ta imghax f’dik l-imsemmija kawza.

2. Illi mill-okkju tac-citazzjoni citata jidher li kien hemm intervenuti fil-kawza Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhal agent ta’ Axa Insurance pic kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Gordon James Ellul u s-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi

Rat il-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati a fol. 41 tal-process.

Rat ir-rikors tal-atturi datat 15 ta’ Settembru 2010 a fol 45 tal-process fejn talbu l-kjamat fil-kawza ta’ : i) Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta’ AXA Insurance plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Gordon James Ellul; u ii) Fogg

Insurance Agencies Limited gahn-nom u in raprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Novembru 2010 fejn Dr. Jose` Herrera talab li fl-okkju wara l-ismijiet tal-konvenuti jizdiedu l-kliem u "l-*intervenut fil-kawza Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc kif u s-socjeta` Fogg Insurance Agemcies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited"*. Dr. Josette Grech irrimettiet ruhha. Il-Qorti laqghet it-talba prevja li jsiru n-notifiki relattivi, u f'dan is-sens jinghad ukoll li l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tal-attur datat 15 ta' Settembru 2010 *stante* li b' din il-korrezzjoni tali punt gie sorvolat.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Atlas Insurance PCC Ltd (C 5601) gia` Atlas Insurance Agency Ltd datat 31 ta' Jannar 2011 a fol 68 tal-process fejn talbet li tigi awtorizzata tintervjeni fil-kawza *a tenur* tal-**artikolu 960 tal-Kap. 12** u tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha, u dan taht kull provediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni; u l-Qorti bid-digriet taghha tad-9 ta' Marzu 2011 laqghet it-talba peress illi deher li r-rikorrenti f'dan ir-rikors ghandhom interess jintervjenu fil-kawza.

Rat ir-risposta tal-intervenuta fil-kawza s-socjeta' Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) gia' Atlas Insurance Agency Ltd datata 24 ta' Marzu 2011 a fol 76 tal-process: -

1. Illi preliminarjament l-attur Anthony Busuttil ma ghandu ebda *locus standi* u dan kif deciz fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (kawza numru 1083/2002JA) tas-26 ta' Ottubru 2009 fl-istess ismijiet premessi.

2. Illi fil-fuq imsemijja sentenza (kawza numru 1083/2002JA) tas-26 ta' Ottubru 2009 fl-istess ismijiet premessi, l-Onorabbli Prim'Awla kienet laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Clive Ellul (li kien is-sewwieq tal-vettura bin-numru DAJ 392 li kienet assigurata mas-

socjeta’ esponenti meta sehh l-incident mertu tal-kawza), kif ukoll kienet laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` esponenti u kienet fil-fatt sabet illi l-konvenut Clive Ellul ma kienx responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u ghall-mewt ta’ Joseph Gabriel. B’hekk il-konvenut Clive EIlul (u s-socjeta’ esponenti assiguratrici tal-vettura bin-numru DAJ 392) ma huwa responsabbli ghall-ebda imghax u m’ghandux jigi ikkundannat ihallas xi imghax.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u kuntrarjament ghal dak allegat mill-atturi flt-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni mahlufa taghhom, fil-fuq imsemmija sentenza tas-26 ta’ Ottubru 2009, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili kienet effettivament iddecidiet dwar it-talba tal-atturi ghall-imghax peress illi kienet fil-fatt tenniet illi *“skont gurisprudenza ormai assodata, l-Oorti ma tordnax Mas ta’ imghax meta tintalab li s-somma tigi likwidata”* (vide pg. 10).

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-atturi ghall-imghax ghandha tigi michuda *stante* illi ebda imghax ma jiddekorri fejn it-talba attrici tkun tikkonsisti f’ somma li ghandha tigi likwidata.

5. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

6. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda tal-intervenut fil-kawza s-socjeta` Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) a fol 77 u 78 tal-process.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) bhala rapprezentant tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited illum Argus Insurance Company (Europe) Limited datata 25 ta’ April 2011 a fol 81 tal-process fejn Jonathan Schembri

[detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 133676(M)] debitament awtorizzat, bil-gurament tieghu espona: -

1. *In linea* preliminari l-eccipjenti tissottometti illi l-atturi kellhom l-opportunita' illi fi zmien hmistax (15)-il jum mid-data tas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2009 jipprezentaw rikors sabiex jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti kif preseduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi tipprovdi dwar l-imghax legali, *ai termini* tal-ewwel *(1) proviso tal*-**Artikolu 235 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.** Effettivament l-atturi naqsu milli jaghmlu dan u pprocedew minflok u inutilment permezz tal-prezenti Rikors Guramentat illi jinvolvi hafna aktar spejjez illi ghandhom jigu kwindi sopportati unikament mill-atturi.

*In linea* sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghal fuq premess, is-socjeta` eccipjenti tissottometti s-segwenti:-

2. L-atturi kienu pprezentaw il-kawza fl-ismijiet **Josephine Gabriel et vs Jean Pierre Farrugia et** (Cit NUmru 1083/2002/JA) illi permezz taghha talbu illi jigu likwidati d-danni sofferti minnhom in segwitu ghall-incident awtomobilistiku illi sehh nhar it-3 ta' Marzu 2002 gewwa St Andrews Road, Swieqi fejn tilef hajtu Joseph Gabriel.

3. L-eccipjenti, mill-banda l-ohra, ipprezentat kawza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Dottor Mark Busuttil noe et (Cit Numru 15/2005/JA)** illi permezz taghha, *in vista* tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni rizultanti fl-incident *de quo,* talbet illi din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta thassar u tannulla l-polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-eccipjenti favur l-imsemmija vettura, u tikkundanna ghalhekk lill-atturi kollha u lill-konvenut Jean Pierre Farrugia b'mod *in solidum* bejniethom sabiex jirrimborsaw pienament lill-eccipjenti l-ammonti kollha reklamati fil-proceduri fl-ismijiet **Josephine Gabriel et vs Jean Pierre Farrugia et**.

4. Dawn iz-zewg kawzi, illi nstemghu kontestwalment, gew decizi nhar is-26 ta' Ottubru 2009 minn din l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph

Azzopardi, fejn gew likwidati danni sofferti mill-atturi odjerni fl-ammont ta’ hamsa u hamsin elf, tmien mija u hmistax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (€55,815.49). Mill-banda l-ohra, fil-kawza **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Dottor Mark Busuttil noe et** din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, iddecidiet illi l-eccipjenti ma setghetx tkopri ruhha ghal hlasijiet illi eventwalment kellha tkun soggetta ghalihom, u ghalhekk filwaqt illi ma eskludietx illi l-eccipjenti setghet kellha ragun fil-mertu in kwantu ghat-talbiet taghha sabiex l-atturi jigu kkundannati sabiex jirrimborsaw lill-eccipjenti kull ammont illi seta’ jigi sborsat minnha, ma haditx konjizzjoni tal-istess talbiet in kwantu ddikjarat illi dawn kienu intempestivi.

5. Nhar is-16 ta’ Novembru 2009, l-eccipjenti interponiet l-Appell (Appell NUmru 15/2005 illi sallum ghadu ma giex appuntat) taghha mis-sentenza moghtija nhar is-26 ta’ Ottubru 2009 fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Dottor Mark Busuttil noe et** u talbet illi jigu milqugha t-talbiet originali taghha.

6. Nhar it-18 ta’ Dicembru 2009 l-eccipjenti ddepozitat fir-Registru tal-Qrati Superjuri permezz tac-Cedola Numru 1560/2009, is-somma ta’ tmienja u hamsin elf erba’ mija u erba’ ewro u sitta u disghin centezmu (€58,404.96) rapprezentanti l-ammonti kollha illi hija giet obbligata illi thallas favur l-atturi *ai termini* tas-sentenza fl-ismijiet **Josephine Gabriel et vs Jean Pierre Farrugia et**, sabiex din tigi zbankata minn min ghandu dritt ghaliha skont il-Ligi, wara l-ezitu tal-Appell Numru 15/2005 fl-ismijiet **Josephine Gabriel et vs Jean Pierre Farrugia et**.

7. Illi galadarba hawn hekk si tratta ta ammont ta’ danni sa liquidarsi l-imghax legali f’dan seta’ jiddekorri biss mid-data tas-sentenza tas-26 ta’ Ottubru 2009 sat-18 ta’ Dicembru 2009, meta s-socjeta` l-eccippjenti effetwat il-pagament dovut minnha skont il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) bhala rapprezentant tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited illum Argus Insurance Company (Europe) Limited a fol 83 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Ramona Frendo ghas-socjeta` kjamata in kawza Fogg Insurances, Dr. Josette Grech ghall-konvenuti Farrugia u Dr. David Camilleri ghall-atturi. Dr. Simon Cachia ghall-intervenut fil-kawza Atlas Insurance msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Id-difensuri prezenti trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Gunju 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija talba maghmula skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 235 tal-Kap. 12** li jipprovdi li kull parti f'kull zmien tista' tipprezenta talba permezz ta' rikors guramentat sabiex tigi deciza talba li ma tkunx giet deciza f'kawza precedenti – *ab omissa decisione.*

Illi r-rikorrenti odjerni qed isostnu li fis-sentenza **Josephine Gabriel et. Vs. Jean Pierre Farrugia et (Citazz. Numru 1083/02)** deciza fis-26 ta' Ottubru 2009 (Dok. "A" – fol. 4) l-istess Qorti ma ddecidietx dwar it-talba ta' imghax li saret fl-istess kawza.

Illi pero’ minn qari tal-istess sentenza jirrizulta li l-istess Qorti qalet fil-paragrafu ta’ l-ahhar ta’ pagna 10 tas-sentenza li *“Skond gurisprudenza ormai assodata, il-Qorti ma tordnax hlas ta’ imghax meta tintalab li somma tigi likwidata”,* u fil-fatt ghaddiet sabiex wara li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Ellul u s-socjeta’ intervenuta fil-kawza u lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-attur Anthony Busuttil biss, cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Farrugia u s-socjeta’ Fogg Insurance Agency Limited u ddikjarat lil Jean Pierre Farrugia responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghall-mewt ta’ Joseph Gabriel, u llikwidat l-ammont ta’ €55, 815.49 bhala danni li l-konvenut Jean Pierre Farrugia gie kkundannat ihallas lill-atturi. Bl-ispejjez tal-intervenuti u tal-attur Busuttil (jekk ghandu) jithallsu mill-istess, u l-bqija mill-konvenut Farrugia.

Illi minn dan jidher li effettivament kull domanda dwar l-imghax giet deciza fis-sens li giet michuda, u dan jidher car mill-bran citat fl-istess sentenza u li konsegwenti ghal-liema fil-parti dispositiva tas-sentenza ma nghata l-ebda imghax fuq is-somma likwidata. Allura dan ir-rikors guramentat ma jistax jirnexxi, ghaliex ma huwiex kaz ta’ ommissjoni jew nuqqas ta’ decizjoni, izda kaz li t-talba dwar l-imghax ma gietx milqugha, u jekk r-rikorrenti ma qablux maghha, setgghu jaghmlu appell minnha, izda mhux din il-procedura. Illi ghalhekk it-talba odjerna qed tigi michuda.

Illi ghall-kompletezza jinghad li l-ewwel eccezjoni ta’ Jean Pierre Farrugia ma tistax tintlaqa’ ghaliex huwa kellu jkun parti minn l-istess gudizzju odjern biss ghaliex kien parti fid-decizjoni msemmija mertu ta’ dan ir-rikors guramentat ai termini tal-**artikolu 235 tal-Kap. 12.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ t-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ intervenuta fil-kawza Atlas Insurance PCC Limited gia’ Atlas Insurance Agency Ltd, u t-tielet

eccezzjoni tal-intimat Jean Pierre Farrugia, **tichad it-talba tar-rikorrenti kontenuta fir-rikors guramentat taghhom datat 10 ta' Dicembru 2009** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti Josephine Gabriel et.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------